MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 259/2015

**Saviour Camilleri**

**Vs**

**Edward Donascimento**
**Passaport: 1032130**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' April, 2015 fejn ir-rikorrent talab illi r-rikorrenti ghandu jiehu minghand il-konvenut is-somma ta' sitt mija u hamsin ewro (€650) in kwantu bilanc ta' kera ghall-perjodu ta' bejn l-14 ta' Mejju, 2014 sat-13 ta' Lulju, 2014, danni kawzati fil-maisonette u hlasijiet fuq kontijiet tad-dawl u tal-ilma dovuti fuq l-maisonette 'Kristina', Triq il-Qasam, Swieqi.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret il-PL Josette Attard ghal-attur li ikkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta’ sitt mija u hamsin ewro (€650) ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' sitt mija u hamsin ewro (€650) bl-imghax legali, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------